Il-Milizzja tal-Immakulata (M.I.) hija għaqda internazzjonali ta' Kattoliċi li waqqafha San Massimiljan M. Kolbe fl-1917.

L-għan tal-Milizzja hu li tgħin lin-Nisrani jgħix ħajja ta' konverżjoni bla waqfien, huwa u jimxi wara l-Mulej fuq il-mudell tal-Verġni bla tebgħa, li hi l-mara li semgħet u stenniet. Il-Milizzja tgħin lin-Nisrani jgħix b'kuraġġ u umiltà ħajja ta' spiritwalità missjunarja b'risq l-evanġelizzazzjoni tad-dinja. Ix-xenqa għall-miġja tas-Saltna ta' Alla fostna hija l-qalba tal-ideal Kolbjan.

Il-mezzi tal-Milizzja huma: it-talb, il-ħajja tal-grupp, u t-taħriġ bla hedu fil-karità, permezz tal-ħidma volontarja, lejn il-bnedmin imżebilħin fid-dinjità tagħhom. Hemm ukoll it-tixrid tal-istampa Marjana u d-devozzjoni lejn il-Midalja mirakuluża.

*Għal aktar informazzjoni:*

**Milizzja tal-Immakulata**
Fr Michael Attard
Kunvent San Franġisk
Triq San Franġisk
Rabat RBT 1061
Tel: 21454225
Mob: 99447731
E-mail:
frmichaelattard@gmail.com




AK 2015



# Milizzja tal-Immakulata

Intenzjonijiet 2015

# INTENZJONIJIET 2015

**JANNAR:**
Biex dawk li jemmnu fi Kristu jifhmu li l-għaqda tal-Insara nistgħu nilħquha billi nibdew mill-għaqda ta' bejnietna fil-ħajja ta' kuljum.

**FRAR:**
Biex żmien ir-Randan ikun tħejjija bla waqfien għall-ferħ li ġġib magħha għaqda dejjem aktar qawwija ma' Alla.

**MARZU:**
Biex il-ħlewwa tiegħek tkun eżempju għall-ikkonsagrati kollha li huma msejħin biex jimxu wara l-Mulej mill-qrib fit-triq tal-kunsilli evanġeliċi.

**APRIL:**
Biex l-ikkonsagrati jkunu xhieda dejjem validi u qatt megħluba ta' Kristu rxoxt.

**MEJJU:**
Biex il-ħajja kkonsagrata tkun dejjem megħjuna bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu u l-għajxien tagħha jkun dejjem xhieda tal-proġett ta' Alla.

**ĠUNJU:**
Biex il-qalb ta' kull min jemnen fi Kristu tkun miftuħa u lesta biex tilqa' l-aħwa ta' nazzjonijiet u reliġjonijiet oħra.

**LULJU:**
Biex l-ikkonsagrati jkunu sinjal u profezija permezz tal-qsim maż-żgħar u l-foqra.

**AWWISSU:**
Biex il-martirju ta' San Massimiljan iqanqal f'dawk li ħaddnu l-ħajja kkonsagrata x-xewqa tal-għotja sħiħa.

**SETTEMBRU:**
Biex kull Nisrani jkun dejjem attent biex jgħożż u jħares l-ambjent li fih jgħix li hu opra ta' Alla.

**OTTUBRU:**
Biex kull min jemmen, fuq l-eżempju tal-Fqajjar ta' Assisi, jaħdem b'risq il-paċi fost il-popli.

**NOVEMBRU:**
Biex dawk kollha li huma kkonsagrati lil Alla juru bil-kelma u bil-ħajja t-toroq li jwasslu għas-Saltna tas-Smewwiet.

**DIĊEMBRU:**
Biex l-ikkonsagrati jkunu dawk li jwasslu d-dawl ta' Kristu fejn hemm id-dlam tan-nuqqas ta' fiduċja u l-qtugħ tal-qalb.

***Verġni bla tebgħa, Omm tiegħi Marija,***
***jiena nġeddidlek illum u għal dejjem***
***il-konsagrazzjoni tiegħi nnifsi,***
***sabiex inti tiddisponi minni***
***għall-ġid tal-erwieħ.***
***Biss nitolbok, Sultana tiegħi***
***u Omm il-Knisja, li jiena***
***naħdem bil-fedeltà miegħek,***
***għall-miġja mixtieqa***
***tas-Saltna ta' Ġesù Kristu***
***fid-dinja.***
***Noffrilek, għalhekk,***
***o Qalb bla tebgħa ta' Marija,***
***it-talb, l-għemil u s-sagrifiċċji***
***ta' dan il-jum...***



***O Marija, imnissla mingħajr dnub,***
***itlob għalina, li niġu għandek***
***u għal dawk li għandek ma jiġux,***
***l-aktar għall-għedewwa tal-Knisja Mqaddsa***
***u għal dawk li huma fdati lilek.***